**Dispożittiv**

1) *IEM – Erga – Erevnes – Meletes perivallontos kai chorotaxias AE hija kkundannata li tħallas lill-Kummissjoni Ewropea s-somma ta' EUR 75 728,33 flimkien mal-interessi moratorji bir-rata ta' 3 %, b'effett mill-4 ta' Settembru 2010 sal-ħlas sħiħ.*

2) *IEM hija kkundannata tbati l-ispejjeż.*

(1) ĠU C 191, 30.5.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Ġunju 2017 – Mediterranean Premium Spirits vs EUIPO – G-Star Raw (GINRAW)**

**(Kawża T-258/16)** (1)

***["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea GINRAW — Trade marks verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea RAW — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Provi prodotti għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali — Obbligu ta' motivazzjoni"]***

(2017/C 249/39)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Mediterranean Premium Spirits, SL (Barcelona, Spanja) (rappreżentanti: J. A. Mora Granell u J. Romaní Lluch, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Folliard Monguiral u K. Sidat Humphreys, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* G Star Raw CV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: L. Dijkman u J. van Manen, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Marzu 2016 (Każ R 1583/2015-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn G-Star Raw u Mediterranean Premium Spirits.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Mediterranean Premium Spirits, SL hija kkundannata tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-EUIPO u G-Star Raw CV.*

(1) ĠU C 251, 11.7.2016

---